# IS-SISTEMA EWROPEA TA' SUPERVIŻJONI FINANZJARJA (SESF)

Is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF) hija sistema b'diversi livelli ta' awtoritajiet mikroprudenzjali u makroprudenzjali li għandha l-għan li tiżgura superviżjoni finanzjarja konsistenti u koerenti fl-UE. Hi tinkludi l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), it-tliet awtoritajiet superviżorji Ewropej (EBA, ESMA u EIOPA) u s-superviżuri nazzjonali. Is-SESF evolviet b'mod kontinwu biex tqis il-kuntest li qed jinbidel li fih topera, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-Unjoni Bankarja, l-għan li tiġi żviluppata Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 114 u 127(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-ISFOND U L-OBJETTIVI

Is-settur finanzjarju huwa soġġett għal qafas regolatorju u superviżorju strett imfassal biex jippromwovi l-istabbiltà finanzjarja u jipproteġi lill-klijenti tas-servizzi finanzjarji. Ir-regolamenti tal-UE jistabbilixxu r-regoli u l-istandards li l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jirrispettaw. Is-superviżjoni hija proċess ta' sorveljanza mfassal biex jiżgura li l-istituzzjonijiet finanzjarji japplikaw dawk ir-regoli u l-istandards b'mod xieraq. Fost kwistjonijiet oħra, il-kriżi finanzjarja globali kixfet il-ħtieġa li tittejjeb u tissaħħaħ l-arkitettura regolatorja u superviżorja Ewropea. B'riżultat ta' dan, l-UE wettqet għadd ta' riformi biex tirriforma l-mod li bih is-settur finanzjarju tal-UE jiġi regolat u sorveljat. Wara r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport mill-grupp ta' esperti De Larosière dwar it-tisħiħ tal-arranġamenti superviżorji Ewropej, is-SESF ġiet introdotta fl-2010 u saret operattiva fl-1 ta' Jannar 2011. Is-SESF tikkonsisti mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ESRB), it-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) — jiġifieri l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) — il-Kumitat Konġunt tal-ASE, u s-superviżuri nazzjonali.

L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jkunu implimentati b'mod adegwat fl-Istati Membri kollha bl-għan li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, tiġi promossa l-fiduċja u tingħata protezzjoni lill-konsumaturi. L-objettivi tas-SESF jinkludu wkoll l-iżvilupp ta' kultura superviżorja komuni u l-iffaċilitar ta' suq finanzjarju Ewropew uniku.

Is-SESF hija sistema li tgħaqqad is-superviżjoni mikroprudenzjali u s-superviżjoni makroprudenzjali. L-objettiv ewlieni tas-sistema mikroprudenzjali huwa li tissorvelja u tillimita id-diffikultajiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali, u b'hekk tipproteġi lill-konsumaturi ta' dawk l-istituzzjonijiet. Billi tevita l-fallimenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali, hija tfittex ukoll li tipprevjeni jew tal-inqas tnaqqas ir-riskju ta' kontaġju u riperkussjonijiet għal istituzzjonijiet oħra. Min-naħa l-oħra, is-superviżjoni makroprudenzjali tikkonċerna l-espożizzjoni tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi għar-riskji komuni, u għandha l-għan li tillimita d-diffikultajiet tagħha sabiex tipproteġi l-ekonomija globali minn telf sinifikanti fil-produzzjoni reali.

Il-kriżi finanzjarja globali wriet kif l-arkitettura superviżorja tal-UE ta' qabel il-kriżi poġġiet wisq enfasi fuq is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u ftit wisq fuq l-aspetti makroprudenzjali. Korp personalizzat — il-BERS — ġie għalhekk stabbilit, u ngħata r-responsabbiltà mis-superviżjoni makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja tal-UE u mill-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju sistemiku. Is-sorveljanza mikroprudenzjali ssir mill-EBA, mill-ESMA u mill-EIOPA f'kull wieħed mis-setturi rilevanti tas-servizzi finanzjarji — is-settur bankarju, tas-swieq kapitali u tal-assigurazzjoni. Rigward kwistjonijiet transettorjali u orizzontali, it-tliet awtoritajiet mikroprudenzjali jaħdmu flimkien fil-Kumitat Konġunt.

L-istabbiliment tal-Unjoni Bankarja[1] fl-2012 introduċa dinamiki ġodda fil-qafas regolatorju u superviżorju tal-UE. Huwa żied elementi u atturi ġodda, bħal ġabra unika tar-regoli, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), li beda jopera fl-2014, u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM), li beda jopera fl-2016. Fl-2019, ġie kkompletat rieżami tal-qafas tas-SESF billi ġew emendati r-regolamenti ta' twaqqif tal-ASE u l-BERS. L-emendi għandhom l-għan li jsaħħu s-setgħat, il-governanza u l-finanzjament tal-ASE u li jsaħħu l-kapaċità tal-BERS li jissorvelja s-sistema finanzjarja u li jidentifika r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja.

## IL-QAFAS

### A. Is-superviżjoni mikroprudenzjali

Fl-UE, is-superviżjoni mikroprudenzjali hija kkaratterizzata minn sistema b'diversi livelli ta' awtoritajiet sseparati skont il-qasam settorjali (swieq bankarji, tal-assigurazzjoni u tat-titoli) u l-livell ta' superviżjoni u regolamentazzjoni (tal-UE u nazzjonali).

### 1. L-awtoritajiet superviżorji Ewropej (ASE)

Fil-livell Ewropew, l-ASE huma responsabbli mis-superviżjoni mikroprudenzjali. L-EBA, l-ESMA u l-EIOPA, huma aġenziji tal-UE bil-personalitajiet ġuridiċi tagħhom, li huma rappreżentati mill-presidenti rispettivi tagħhom; L-ASE jridu jaġixxu b'mod indipendenti u biss fl-interessi tal-Unjoni kollha kemm hi. Huma għandhom l-obbligu li jagħtu rendikont lill-Parlament u lill-Kunsill għall-azzjonijiet tagħhom.

L-objettiv primarju tal-ASE, kif definit fir-regolamenti rispettivi tagħhom, huwa li jipproteġu l-interess pubbliku billi jgħinu jsostnu l-istabbiltà u l-effettività tas-sistema finanzjarja. B'mod aktar speċifiku, l-ASE għandhom rwol:

---

[1]Għal aktar dettalji dwar l-Unjoni Bankarja ara hawn taħt u l-iskeda informattiva dwar dak is-suġġett.

- fil-faċilitazzjoni tal-funzjonament tas-suq intern, inkluż b'mod partikolari livell tajjeb, effettiv u konsistenti ta' regolamentazzjoni u superviżjoni;
- fl-iżgurar tal-integrità, it-trasparenza, l-effiċjenza u l-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji,
- fit-tisħiħ tal-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali,
- fil-prevenzjoni tal-arbitraġġ regolatorju u l-promozzjoni ta' kondizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni,
- fl-iżgurar li kwalunkwe teħid ta' riskju rilevanti jkun regolat u sorveljat b'mod xieraq;
- fit-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumatur;
- fit-tisħiħ tal-konverġenza superviżorja fis-suq intern kollu.

L-ASE jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ġabra unika tar-regoli billi jfasslu Standards Tekniċi Regolatorji u Standards Tekniċi ta' Implimentazzjoni, li huma adottati mill-Kummissjoni (bħala atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni). Bil-ħsieb li jsaħħu l-konverġenza superviżorja, huma joħorġu linji gwida u rakkomandazzjonijiet u jkollhom ċerti setgħat f'każijiet ta' ksur tad-dritt tal-UE minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali, sitwazzjonijiet ta' emerġenza u nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Fis-settur rilevanti tal-attività tagħha, kull waħda mill-ASE, f'konsultazzjoni mal-BERS, għandha l-kompitu li tiżviluppa kriterji għall-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tar-riskju sistemiku u li tfassal sistema adegwata ta' ttestjar tal-istress għall-istituzzjonijiet fi ħdan l-ambitu tagħha. L-ASE jibdew u jikkoordinaw ukoll testijiet tal-istress madwar l-UE biex jivvalutaw ir-reżiljenza tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li jistgħu joħolqu riskju sistemiku jeħtieġu mbagħad ikunu soġġetti għal superviżjoni msaħħa.

It-tliet ASE huma organizzati bl-istess mod. L-istruttura ta' governanza tagħhom tinkludi l-Bord tas-Superviżuri (il-korp prinċipali għat-teħid tad-deċiżjonijiet, magħmul mill-President, il-kap tal-awtorità superviżorja kompetenti f'kull Stat Membru u rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-BERS u ż-żewġ ASE l-oħra), il-Bord ta' Amministrazzjoni, President, u Direttur Eżekuttiv.

**a.** L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)

Il-bażi ġuridika: Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) kif emendat b'leġiżlazzjoni sussegwenti.

Oriġinarjament ibbażata f'Londra, l-EBA rrilokat f'Pariġi f'Ġunju 2019 minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE. Ir-responsabbiltà tal-EBA tinkludi l-istituzzjonijiet ta' kreditu, konglomerati finanzjarji, ditti tal-investiment, istituzzjonijiet ta' ħlas u istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi. Permezz tar-riżami tal-2019, l-EBA ġiet inkarigata wkoll li tipprevjeni s-sistema finanzjarja milli tintuża għall-iskopijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

**b.** L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)

Il-bażi ġuridika: Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) kif emendat b'leġiżlazzjoni sussegwenti.

Is-sede tal-EIOPA qiegħda fi Frankfurt am Main. Hija kkonċernata primarjament b'impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, konglomerati finanzjarji u istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali. Hi tikkontribwixxi għal ġabra unika tar-regoli dwar l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol l-aktar permezz tar-reġimi ta' Solvibbiltà II u l-IORP, rispettivament.

**c.** L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)

Il-bażi ġuridika: Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) kif emendat b'leġiżlazzjoni sussegwenti.

L-ESMA qiegħda f'Pariġi. Ir-responsabbiltà tagħha tkopri s-swieq u l-parteċipanti (skambji, negozjanti, fondi, eċċ). Fl-UE, l-ESMA għandha sorveljanza diretta u responsabbiltà sħiħa għar-reġistrazzjoni, is-superviżjoni u s-sanzjonar tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u r-repożitorju tat-tranżazzjonijiet. Hija wkoll responsabbli mir-rikonoxximent ta' kontropartijiet ċentrali minn pajjiżi terzi (jiġifieri pajjiżi mhux tal-UE) u repożitorju tat-tranżazzjonijiet u għaċ-ċertifikazzjoni u l-approvazzjoni ta' aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' pajjiżi terzi.

**2.** Korpi konġunti

**a.** Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej

Il-Kumitat Konġunt huwa responsabbli mill-koordinazzjoni ġenerali u transettorjali, bil-għan li jiżgura l-konsistenza superviżorja. Kif stabbilit fir-Regolamenti tal-ASE, dan jinkludi l-oqsma li ġejjin: konglomerati finanzjarji; kontabilità u verifika; analiżi mikroprudenzjali ta' żviluppi, riskji u vulnerabbiltajiet transsettorjali tal-istabbilità finanzjarja; prodotti ta' investiment għall-konsumatur u servizzi finanzjarji; kwistjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri; ċibersigurtà; u skambju ta' informazzjoni bejn il-BERS u l-ASE; Il-Kumitat Konġunt huwa responsabbli mill-ftehim tat-tilwim bejn l-ASE dwar kwistjonijiet transettorjali.

Il-Kumitat Konġunt huwa magħmul mill-Presidenti tal-ASE (u ta' sottokumitati possibbli) u presedut minn President wieħed tal-ASE għal terminu ta' 12-il xahar b'rotazzjoni. Il-President tal-Kumitat Konġunt huwa l-Viċi President tal-BERS. Il-Kumitat Konġunt jeħtieġ jiltaqa' mill-anqas darba kull xahrejn.

**b.** Bord tal-Appell

Il-Bord tal-Appell huwa indipendenti mit-tliet ASE u huwa responsabbli mill-appelli minn partijiet affettwati mid-deċiżjonijiet tal-ASE. Huwa magħmul minn sitt membri u sitt sostituti maħtura mill-ASE għal terminu ta' ħames snin, abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kummissjoni. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

**3.** L-awtoritajiet superviżorji kompetenti nazzjonali;

Kull Stat Membru jaħtar l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, li jagħmlu parti mis-SESF u huma rrappreżentati fl-ASE.

**B.** Superviżjoni makroprudenzjali

Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS)

Il-bażi ġuridika: Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, kif emendat, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.

Is-superviżjoni makroprudenzjali hija mwettqa fil-livell tal-UE mill-BERS. L-objettiv tiegħu huwa li jipprevjeni u jimmitiga r-riskju ta' stabbiltà finanzjarja sistemika fid-dawl tal-iżviluppi makroekonomiċi. Ir-Regolamenti ta' twaqqif jagħtu kompiti varji lill-BERS, u jipprovdulu strumenti, inkluż: il-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni rilevanti; l-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-riskji sistemiċi; il-ħruġ ta' twissijiet u rakkomandazzjonijiet u l-monitoraġġ tas-segwitu tagħhom; l-għoti ta' valutazzjoni lill-Kunsill meta l-BERS jiddetermina li tista' tinħoloq sitwazzjoni ta' emerġenza; il-kooperazzjoni ma' partijiet oħra tas-SESF; il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tiegħu ma' organizzazzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħall-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB); u t-twettiq ta' kompiti speċifikati f'leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

Il-BERS huwa magħmul minn Bord Ġenerali, Kumitat ta' Tmexxija, żewġ korpi konsultattivi (il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv u l-Kumitat Tekniku Konsultattiv) u segretarjat.

Il-BĊE jipprovdi appoġġ analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku lill-BERS. Il-President tal-BĊE huwa wkoll il-President tal-BERS.

**C.** Kooperazzjoni f'livelli varji

Is-swieq finanzjarji huma kumplessi, interkonnessi u dejjem aktar globalizzati. Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji inkarigati mill-entitajiet u s-setturi differenti, kemm fl-UE kif ukoll globalment, huma għalhekk kruċjali. Ir-regolamenti tat-twaqqif tas-SESF jipprovdu għadd ta' għodod u mekkaniżmi għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji individwali fil-livell tal-UE. F'dak il-kuntest, l-ASE għandhom rwol ta' koordinazzjoni importanti. Id-diversi entitajiet fi ħdan is-SESF jikkoordinaw ukoll ma' diversi istituzzjonijiet internazzjonali — inkluż f'fora superviżorji bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO), il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (IAIS) — u ma' superviżuri ta' pajjiżi terzi.

L-iżvilupp tal-qafas superviżorju

Hekk kif faqqgħet il-kriżi finanzjarja, deher ċar li s-sempliċi koordinament tas-superviżjoni finanzjarja permezz tas-SESF ma kienx biżżejjed u li kienet meħtieġa integrazzjoni aktar profonda tas-superviżjoni bankarja fiż-żona tal-euro. Konsegwentement, l-Unjoni Bankarja tal-UE ġiet stabbilita fl-2013, u bdiet

topera f'Novembru 2014. Bħala wieħed mill-pilastri ewlenin tal-Unjoni Bankarja, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) huwa element partikolarment importanti tal-qafas superviżorju.

Skont ir-Regolament dwar il-MSU, il-BĊE huwa s-superviżur bankarju għall-akbar banek ("istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti") fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, kif ukoll kwalunkwe Stat Membru mhux fiż-żona tal-euro li jiddeċiedi li jingħaqad. Għal dan l-għan, l-istruttura ta' governanza tal-BĊE ġiet adattata permezz tal-istabbiliment ta' Bord Superviżorju. Il-kompiti tal-BĊE f'dik il-kapaċità jinkludu l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-iżgurar ta' konformità mar-rekwiżiti prudenzjali u oħrajn regolatorji, u t-twettiq ta' rieżamijiet superviżorji. Is-superviżuri bankarji nazzjonali jkomplu jissorveljaw il-bqija tal-banek. Apparti dawn il-kompiti mikroprudenzjali, il-BĊE għandu wkoll kompiti u għodod makroprudenzjali għad-dispożizzjoni tiegħu. Sabiex jiżgura superviżjoni konsistenti, il-BĊE jikkoopera mill-qrib mas-superviżuri bankarji nazzjonali fi ħdan l-MSU u ma' awtoritajiet oħra li jiffurmaw is-SESF, partikolarment l-EBA.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Bħala koleġiżlatur, il-Parlament kellu rwol importanti fl-istabbiliment tal-leġiżlazzjoni ta' twaqqif tas-SESF. Barra minn hekk, għandu rwol ta' skrutinju fir-rigward tal-miżuri adottati fl-iżvilupp tal-ġabra unika tar-regoli, jiġifieri atti delegati (inklużi Standards Tekniċi Regolatorji) u atti ta' implimentazzjoni (inklużi Standards Tekniċi ta' Implimentazzjoni). Il-Presidenti tal-ASE u d-Diretturi Eżekuttivi għandhom jiġu kkonfermati mill-Parlament. Il-Parlament għandu drittijiet ta' informazzjoni estensivi, pereżempju jirċievi l-programm ta' ħidma annwali, il-programm ta' ħidma pluriennali u r-rapporti annwali dwar l-ASE. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew jista' jitlob opinjonijiet mill-ASE. Il-Parlament jivvota wkoll dwar il-kwittanza għall-baġit tal-ASE kull sena.

Barra minn hekk, il-Parlament u l-BĊE ikkonkludew ukoll Ftehim Interistituzzjonali (2013/694/UE) biex jiżguraw li jkun hemm obbligu ta' rendikont u sorveljanza dwar l-eżerċizzju tal-kompiti mogħtija lill-BĊE fi ħdan il-qafas tal-MSU. B'mod partikolari, il-Parlament jiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tal-kandidat propost mill-BĊE għall-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju permezz ta' votazzjoni fil-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) u fil-plenarja. Barra minn hekk, il-President tal-Bord Superviżorju jattendi seduti ta' smigħ regolari u skambji ta' fehmiet mal-MEPs biex jippreżenta r-Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji u jispjega l-eżekuzzjoni tal-kompiti superviżorji tal-BĊE, u jwieġeb ukoll mistoqsijiet minn MEPs.

Radostina Parenti
04/2020